**RULING MOGĦTI MINN MR SPEAKER FIS-SEDUTA NRU 551 TAS-16 TA' LULJU 2007**

Il-kwistjoni li s-Sedja għandha quddiemha twieldet minn risposta għall-domanda supplimentari mogħtija mill-Ministru Jesmond Mugliett fis-seduta tat-2 ta' Lulju, 2007. F'dik ir-risposta l-Onorevoli Membru qal is-segwenti:

"L-ewwelnett ninnega li jien tajt xi ordni lill-bord biex ma jkeċċix nies. Ma naħsibx li dawn huma yes men. Il-persuna li kienet qed tagħmilha ta' chairman dakinhar huwa ċ-chairman li għadni kif ħtart ġimgħa ilu. Jiġifieri kieku tajt xi ordni li kienet inaċċettabbli għal xi ħadd naħseb l-iktar ħaġa faċli għal dik il-persuna kienet li tgħidlek biex ma terġax tirrappuntah. Din kienet deċiżjoni li qabel ma ttieħdet ġiet mitkellma kollettivament u ttieħdet ċerta direzzjoni. U ttieħdet ċerta direzzjoni għax kien hemm preċedent. Jiġifieri l-ordni, nerġa' ninnega. It-tieni ħaġa, ma kenitx biex dawn ma jitkeċċewx. Id-direzzjoni li ngħatat kienet fuq li kellek talba ta' l-avukat difensur ta' wieħed minnhom li kien qed jikkwota preċedent fl-istess awtorita' fuq każ fejn kien involut impjegat taċ-ċivil li fuqu kienet esprimiet ruħha l-Public Service Commission. Allura qal: Isma', għandek preċedent u tajjeb li wieħed isegwi dan il-preċedent. Il-ġudizzju tiegħi kien li l-preċedenti kultant jorbtu u allura ejja nħallu din l-issue tal-presidential pardon tiġi eżawrita, imbagħad tittieħed id-deċiżjoni b'mod oġġettiv. Ma kien hemm l-ebda predispożizzjoni biex ma jkunx hemm it-tkeċċija. Kienet hemm biss posponiment ta' deċiżjoni.

Nixtieq nispjega anke x'kien il-preċedent. Dan kien każ ta' xi ħadd li kien tressaq mill-awtorita' għax ħa xi tips. Qabditu l-awtorita', bħalma qabdet dejjem fil-każijiet kollha, ġie riferut lill-pulizija u nstab ħati. Dan kellu interdett perpetwu, talab għall-presidential pardon f'dak il-każ, u dan l-interdett perpetwu tnaqqaslu għal wieħed ta' ħames snin. Jiġifieri dan kien każ kważi, tista' tgħid, parallel fl-istadji kollha. U jien fil-ġudizzju tiegħi tajt weighting lil dak il-preċedent biex wieħed jistenna l-outcome ta' l-oħra. Pero' mhux għax ħadniha for granted li l-parir tal-President kien bilfors se jkun lejn ċertu stadju. Fil-fatt il-President kif nafu dejjem jimxi fuq il-parir ta' l-AG, u ma saret l-ebda pressjoni fuq l-AG biex id-deċiżjoni tiegħu tkun xi xorta oħra.".

Ir-risposta tal-Ministru qiegħda tiġi riprodotta sħiħa minħabba dak li ser jingħad dwarha iżjed ‘il quddiem u billi l-mozzjoni neċessarjament tintrabat mal-kliem eżatt li uża' l-Onorevoli Membru fir-risposta tiegħu.

Fid-9 ta' Lulju, 2007 l-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni kiteb lis-Sedja, l-ittra li imbagħad tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra, u għal din, is-Sedja wieġbet bl-ittra ta' l-10 ta' Lulju, 2007 li

wkoll tpoġġiet fuq il-Mejda tal-Kamra. Wara dawn iż-żewġ ittri kien hemm ittra oħra tal-Kap ta' l-Oppożizzjoni lis-Sedja, ukoll impoġġija fuq il-Mejda tal-Kamra. Dan qiegħed jingħad għaliex is-Sedja tħoss li huwa doveruż fi kwistjoni bħal din li tagħti l-isfond kollu tal-kwistjoni u l-qafas f'liema tqajmet il-mozzjoni għall-ksur tal-privileġġi tal-Kamra.

Fis-seduta tad-9-ta' Lulju, 2007, il-Kap tal-Oppożizzjoni qajjem kwistjoni ta' ksur ta' privileġġ fir-rigward ta' l-informazzjoni li kien ta l-Onorevoli Mugliett fir-risposta tiegħu fuq imsemmija. L-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni meta mitlub jindika l-ordnijiet permanenti fuq liema il-mozzjoni tiegħu qiegħda tistrieħ, indika fl-ewwel lok li kien qiegħed jagħmilha fir-rigward ta' l-istanding orders kollha u ta' l-artikolu 11 (4) (a) ta' l-Ordinanza dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati li jgħid hekk:

"kull att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorità tal-Kamra bi kliem jew b'ġesti minn xhud jew persuna oħra quddiem il-Kamra jew kumitat tal-Kamra"

Għalhekk, essenzjalment il-kwistjonijiet li jqumu għall-konsiderazzjoni tas-Sedja biex tasal għad-deċiżjoni tagħha huma s-segwenti:

Jekk l-Ispeaker kellux huwa, ex officio, iqajjem il-materja fil-Kamra;
Jekk min jigdeb lill-Kamra jkunx ħati ta' disprezz u passi għal proċeduri dwar ksur ta' privileġġ; u
Jekk fil-każ in kwistjoni hemmx prima facie każ ta' ksur ta' privileġġ.

Jigi notat li s-Sedja, sad-data li fiha tqajmet il-kwistjoni, ma seta' kellha l-ebda tagħrif fuq il-bażi ta' liema hija setgħet tikkonkludi li ġie kommess disprezz lejn l-awtorita' tal-Kamra, u ċertament kien jinkombi fuq dak il-membru li ħass li seta' kien hemm każ ta' ksur ta' privileġġ li jqajjem il-kwistjoni fl-ewwel okkażjoni possibbli wara li huwa kien ġie a konoxxenza ta' dak il-ksur. Jidher li l-istess Onorevoli membru li ressaq din il-mozzjoni ġie a konoxxenza tal-fatti li taw lok għall-kwistjoni kollha fil-mument li kiteb dik l-ittra. F'dak il-mument, u fid-data li s-Sedja irċeviet l-ittra, kien jidher li kien hemm ċerta probabilità li l-materja kienet ser effettivament tinġieb għall-attenzjoni tal-Kamra u li s-Sedja tiġi kjamata biex tagħti deċiżjoni fuqha. Għalhekk is-Sedja ħasset li f'dawn iċ-ċirkostanzi hija ma tesprimix opinjoni qabel ma jkollha l-opportunità li tisma' l-partijiet kollha wara li l-materja tkun tqajmet formalment. Altrimenti, is-Sedja kienet tirriskja li tidher li mhijiex qiegħda tkun imparzjali u li qiegħda tesprimi ruħha fuq ħwejjeg li dwarhom tkun ser tagħti deċiżjonijiet barra il-lok u l-ħin kif jixraq. L-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni fit-tieni ittra tiegħu lis-Sedja, attira l-attenzjoni tas-Sedja għall-Ordni Permanenti Nru 63. L-ewwel paragrafu ta' dan l-Ordni Permanenti jgħid, u nikkwota:

"(1) L-iSpeaker jew il-President jista' jordna lil kull Membru li l-imġieba tiegħu tkun ta' diżordni kbir biex jirtira minnufih mill-Kamra għal matul il-bqija tas-seduta ta' dik il-ġurnata;

u l-Marixxall jew uffiċjal ieħor awtorizzat mill-iSpeaker għandu jaġixxi fuq dawk l-ordnijiet li jista' jirċievi mill-iSpeaker jew mill-President skond dan l-Ordni Permanenti."

- nagħlaq il-kwotazzjoni

Issa huwa ċar f'moħħ is-Sedja li dan l-ordni qiegħed jitkellem dwar aġir ta' membru li jkun ta' ‘diżordni kbir', ċioe', imġieba fil-kors ta' seduta li jwassal għal sitwazzjoni li s-seduta ma tkunx iżjed tista' titmexxa b'mod regolari minħabba l-imġieba diżordinata ta' dak il-membru. Għalkemm gidba tista' twassal għal diżordni kbir dan mhux it-tip ta' diżordni li dwaru jitkellem l-Ordni Permanenti Nru 63. Id-diżordni f'dak l-ordni, jekk wieħed jista' jpoġġiha hekk, huwa diżordni li wieħed jintebaħ bih fil-kors ta' l-istess seduta u li jintralċja l-andament regolari ta' l-istess seduta; dan mhux il-każ preżenti, għaliex huwa anke evidenti, li l-kwistjoni li l-informazzjoni mogħtija ma kienitx korretta tqajmet bosta wara li ngħalqet l-istess seduta. Għalhekk huwa ċar f'moħħ is-Sedja li dan l-ordni permanenti mhux applikabbli għall-każ u li s-Sedja ma kienet tenuta u ma messha tagħmel xejn qabel ma tqajjem il-każ quddiemha permezz tal-mozzjoni tal-Onorevoli Kap tal-Oppożizzjoni.

It-tieni kwesit li jrid jitwiegeb huwa jekk membru tal-Kamra jagħti infomazzjoni inveritjera jew inkorreta jinkorrix f'disprezz tal-Kamra. Issa l-privileġġi tal-Kamra u d-disprezz huma regolati mill-Kostituzzjoni u mill-Kapitolu 113 tal-Ligijiet ta' Malta. Billi n-natura tad-disprezz tirrasenta l-penali huwa ċar li biex ikun hemm sejba ta' disprezz wieħed irid bilfors mhux biss jirradika tali disprezz f'dispożizzjoni ċara tal-liġi imma jkun hemm konvinzjoni oltre kull ragonevoli dubbju li dik il-persuna tkun ħatja ta' disprezz. Fil-każ preżenti huwa rilevanti 11(4) ta' l-att fuq imsemmi li jiddefinixxi x'inhuma r-reati kontra l-Att dwar il-Privileġġi u s-Setgħat tal-Kamra tad-Deputati. Huwa ċar li fost is-sub-artikoli ta' dan l-artikoli hemm diversi konfigurazzjonijiet ta' reat li huma kjarament mhux applikabbli għall-każ. L-iżjed viċin huwa s-sub-artikolu (j) li jitkellem dwar preżentazzjoni ta' dokument falz bil-ħsieb li jqarraq bil-Kamra. Pero' fil-każ preżenti ċertament m'għandna l-ebda dokument li qiegħed jiġi preżentat. Għandna biss l-għoti ta' informazzjoni. Għalhekk wieħed bilfors jkollu jaqa' fuq il-provvediment ġeneriku tas-subinċiż (a) li jitkellem dwar "Kull att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorita' tal-Kamra bi kliem jew b'ġesti minn xhud jew persuna oħra quddiem il-Kamra jew Kumitat tal-Kamra." Issa ċertament li l-għoti ta' informazzjoni qarrieqa bil-għan u l-ħsieb li tqarraq bil-Kamra hija att ta' nuqqas ta' qima lill-awtorita' tal-Kamra. Insibu fl-Erskine May paġna 119 is-segwenti:

"The Commons may treat the making of a deliberately misleading statement as a contempt. In 1963 the House resolved that in making a personal statement which contained words which he later admitted not to be true, a former Member had been guilty of a grave contempt"

Huwa għalhekk ċar li jekk wieħed jigdeb konxjament dwar dak li jkun ġara bil-ħsieb ċar li jqarraq bil-Kamra, ikun ħati ta' disprezz.

Jibqa' għalhekk it-tielet kwesit. Nistaqsi: Kien hemm tali gidba fil-każ preżenti? L-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni jirraviża tali gidba fil-fatt li l-Ministru Mugliett qal li d-deċiżjoni ttieħdet kollettivament. Dwar dan hemm imbagħad pożizzjonijiet differenti. Minn qari attent tad-dikjarazzjoni magħmula mill-Onorevoli Mugliett ma jidhirx ċar il-kuntest preċiż f'liema l-kelma ‘kollettivament' kienet qiegħda tintuża; in partikolari ma hux tant ċar jekk il-Ministru kienx qiegħed jirreferi għall-Bord jew għall-persuni oħra fejn setgħet ittieħdet tali deċiżjoni kollettivament. Mhux il-każ li wieħed jifhem bil-kelma ‘kollettivament' riferenza għall-Bord ta' l-Awtorita' għaliex wieħed jifhem li ma hux normali li Ministru jattendi l-laqgħat ta' bord ta' awtorita' awtonoma. F'dan il-kuntest, is-Sedja ma tistax ħlief tilmenta mill-mod laokoniku b'liema xi kultant ċerti dikjarazzjonijiet isiru u f'dan il-kuntest tattira l-attenzjoni ta' kulħadd għal bżonn ta' ċertu riġġidita' u attenzjoni fil-kliem li jintuża u dan preċiżament ħalli ma jinqalgħux malintiżi imma iżjed u iżjed ħalli ma tingħatax l-impressjoni, anke jekk żbaljata, li persuna tkun qiegħda tiżvija lill-Kamra. Il-problema biex wieħed isib risposta għal dan il-kwesit huwa li wieħed irid li jkollu il-konvinzjoni oltre kull raġonevoli dubju li l-kelma ‘kollettivament' intużat fil-kuntest li intużat bl-għan li tqarraq bil-Kamra. Huwa veru li dan il-konvinċiment is-Sedja trid tasal għalih fuq bażi prima facie, pero' huwa daqstant minnu li l-kliem użat irid ikun tali li ma jħalli l-ebda ambigwita' f'li wieħed jasal għal tali konklużjoni.

Normalment, it-tifsira tal-kelma "kollettiva" hija li d-deċiżjoni tkun ittieħdet minn iżjed minn persuna waħda flimkien, pero' dak li qal l-Onorevoli Membru huwa li "qabel ma ttieħdet ġiet mitkellma kollettiviament". Dan huwa differenti milli tgħid li deċiżjoni kienet kollettiva, imma tfisser li qabel ma wieħed ħa deċizjoni kien ikkonsulta ma' ħaddieħor. Ċertament, fejn hemm diverġenza serja dwar il-portata u t-tifsira tal-kliem użat mhux każ fejn is-Sedja tista' tgħid li hemm prima facie każ ta' ksur tal-privileġġi tal-Kamra.

Għaldaqstant, is-Sedja ma tħossx li hemm ir-rekwiżiti meħtieġa sabiex iwassluha biex tiddikjara li hemm prima facie ksur ta' privileġġ. Iżda dan bla ebda preġudizzju għal kull azzjoni oħra li l-Onorevoli Membru jista' jħoss li għandu jieħu f'fora oħra.